MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1230/2002/1

**ADS System Limited**

**Vs**

**Mr. Richard Micallef**

**It-Tribunal**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut bhala debitur tas-socjeta' attrici jhallas is-somma ta' elf u disgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,069.50c) rapprezentanti l-prezz ta' computer li l-konvenut arbitrarjament ha u zamm ghandu meta ntemmlu l-impjieg mas-socjeta' attrici minkejja illi gie nterpellat sabiex jirritorna l-istess computer tas-socjeta' attrici.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha jghid illi hu ma ha l-ebda proprjeta' tas-socjeta' attrici u ghalhekk m'ghandu jaghti xejn lura lis-socjeta'. Billi hu kien impjegat mas-socjeta'

attrici, meta gie fit-tmiem ta' l-impjieg tieghu, l-partijiet issaldaw il-pozizzjoni taghhom versu xulxin.

Ra l-ilment tal-konvenut li, in sussidju u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-valur tal-computer huwa arbitrarju w eccessiv.

Ra l-Affidavit ta' Richard Abdilla Castillo, Direttur tas-socjeta' ADS System Limited. Jikkonferma illi fil-11 ta' Settembru, 2001 Richard Micallef kien gie mpjegat mas-socjeta' attrici bhala Sales and Marketing Manager, waqt li l-istess impjieg tal-konvenut Richard Micallef gie tterminat mis-socjeta' attrici b'effett mis-26 t'Ottubru, 2001.

L-istess Direttur jiddikjara li s-socjeta' attrici, bhala parti mill-agreement tal-Kuntratt ta' l-Impjieg, kienet ipprovdiet lill-konvenut b'*notebook computer*, liema computer huwa proprjeta' tas-socjeta' attrici u kien inxtara ghas-somma ta' elf u disgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,069.50c). L-istess prezz tal-computer hu kkonfermat permezz ta' dokument jew invoice minn Intercomp.

Ra l-anness dokument tal-Kuntratt ta' l-Impjieg bejn ADS System Limited u Richard Micallef li sar fil-11 ta' Settembru, 2001. Fost il-kundizzjonijiet hemm li:

"At the termination of employment, the Appointee undertakes to return any material, which is the sole property of the said Company." **(Klawsola numru XI tal-Kuntratt)**

"The Company may furnish the Appointee, for use within the Company premises, property belonging to the Company." (**Klawsola XI dwar Company Property)**

Jghid li fil-gimghat li dam jahdem mas-socjeta' attrici l-konvenut kien qed jaghmel uzu minn dan il-computer, pero' meta ntemm l-impjieg tieghu dan zamm il-computer ghalih u rrifjuta li jhallas ghalih ghalkemm zammu ghandu arbitrarjament. Is-sitwazzjoni baqghet l-istess ghalkemm

is-socjeta’ attrici nterpellat lill-konvenut permezz t’avukat, sabiex ihallasha tal-computer in kwistjoni.

Jikkonkludi billi jiddikjara illi:

“Is-socjeta’ attrici tichad bl-aktar mod assolut illi qatt sar xi ftehim bejniethom fis-sens illi huwa seta’ jzomm il-computer wara li ntemmlu l-impjieg.”

Ra d-dokumenti esebiti bhala prova tax-xiri tal-computer minghand Intercomp, kif ukoll l-Ittra mill-avukat mibghuta lill-konvenut, li tavzah illi jekk ma jhallasx is-somma rapprezentanti l-valur tal-computer, tinfetah kawza kontrih minghajr pre-avviz. Ra li l-invoice in kwistjoni hija f’isem Management Information Systems Limited.

Ra r-Rikors tas-socjeta’ attrici fejn gie spjegat illi hija ntavolat din it-talba f’isem is-socjeta’ attrici zbaljatament fis-sens illi din it-talba kellha tigi pprezentata f’isem is-socjeta’ Management Information Systems Limited li kienet hija li xtrat il-computer in kwistjoni.
Ra r-risposta tal-konvenut ghal dan ir-Rikors:

“Illi t-talba ghall-korrezzjoni ma tirrigwardax semplici korrezzjoni ta’ xi zball fl-isem izda l-bidla totali ta’ wahda mill-partijiet f’dil-kawza.”

Il-konvenut joggezzjona bil-qawwa ghal dan it-tibdil. Jirreferi ghall-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 (Code of Organisation and Civil Procedure) li jghid li korrezzjoni tista’ ssir meta:

“Ma taffettwax is-sustanza ta’ l-azzjoni jew tad-difiza ta’ kaz.”

Jghid li kieku din is-sostituzzjoni tigi accettata, tolqot is-sustanza tad-difiza fuq il-mertu kaz b’mod dirett u tista’ tippregudika lill-esponent irrimedjabbilment.

Ra li b’digriet tas-16 ta’ Frar, 2004 giet michuda t-talba tas-socjeta’ attrici li tigi sostitwita b’socjeta’ ohra.

Ra x-xhieda ta’ Joseph Zammit Pavia, Direttur tas-socjeta’ ADS System Limited kif ukoll tas-socjeta’ Management Information Systems Limited. Jikkonferma li Management Information Systems Limited xtrat il-computer minghand Intercomp. L-istess kumpanija bieghet il-computer lis-socjeta’ attrici, allura sar il-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici. Huwa esebixxa dokument (invoice) bhala prova ta’ dan, fattura mahruga minn Management Information Systems Limited a favur is-socjeta’ attrici.
Ra x-xhieda tal-konvenut Richard Micallef li ghal certu zmien kien Direttur u Shareholder fis-socjeta’ attrici, sal-ahhar t’Ottubru 2001 (precizament sas-26 t’Ottubru, 2001). Huwa jichad li ha xi computer proprjeta’ tas-socjeta’ attrici. Jghid li l-impjieg gie tterminat ‘suddenly’, waqt li ma jsemmi l-ebda raguni partikolari. Huwa kellu jitlaq fl-istess gurnata u hin meta qalulu bit-terminazzjoni ta’ l-impjieg. Jikkonferma li nghata l-flus kollha li kellu jiehu minghand ADS System Limited u li l-istess socjeta’ qatt ma semmiet li kellu jirritorna xi affarijiet.

Il-konvenut jiddikjara li fil-Management Accounts ta’ Settembru 2001, meta beda jahdem fil-pozizzjoni ta’ Direttur, ma ra ebda referenza ghal dan l-invoice ta’ l-imsemmi computer, li nxtara fit-30 ta’ Settembru, 2001 minn ADS System Limited, minghand Management Information Systems Limited. Huwa ma kienx jaf li s-socjeta’ attrici xtrat computer minghand Management Information Systems Limited. Jghid li skond kif jinnota hu, l-indirizz tas-socjeta’ attrici u l-indirizz tal-Management Information Systems Limited huma l-istess.

**Ikkunsidra**

Illi s-socjeta’ attrici kellha tipprova li l-konvenut ha l-computer. Illi fil-Kuntratt hemm referenza ghall-fatt li l-konvenut kien obbligat li jirritorna oggetti proprjeta’ tas-socjeta’ attrici. Illi ma gie esebit ebda dokument li jikkonferma li l-konvenut inghata pussess tal-computer.

Illi s-socjeta’ attrici ma talbitx li tiehu l-computer lura izda li tithallas l-ammont ta’ elf u disgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,069.50c). Illi skond il-Kuntratt

bejn il-partijiet il-konvenut kien obbligat li jaghti lura kull oggett li nghata proprjeta’ tas-socjeta’ attrici.

Illi hemm indikazzjonijiet li l-konvenut ha l-computer. Dawn huma:

a. Li fil-Kuntratt hemm indikazzjoni li kellu xi proprjeta’ tas-socjeta’ attrici f’idejh.

b. Li l-konvenut naqas li jesebixxi risposta ghall-Ittra datata 9 ta’ Mejju, 2002 mibghuta mill-avukat tas-socjeta’ attrici.

c. Li fir-Risposta l-konvenut jghid:

“…meta gie fi tmiem l-impieg tieghu, l-partijiet issaldaw il-pozizzjoni taghhom versu xulxin…il-valur tal-computer huwa arbitrarju w eccessiv.”

d. L-Affidavit ta’ Richard Abdilla Castillo.

Illi min-naha tieghu l-konvenut jichad bil-gurament li ha xi computer tas-socjeta’ attrici. Ma giet esebita ebda rcevuta li l-konvenut inghata l-pussess tal-computer. Kien hemm xi konfuzjoni dwar liema kumpanija kienet fil-fatt is-sid tal-computer.

Illi s-socjeta’ attrici izda ma talbitx li l-konvenut jirritorna l-computer izda talbet il-hlas ta’ elf u disgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,069.50c) li huwa l-prezz tal-computer f’Settembru 2001. Din it-talba ma tikkunsidrax l-istat li kien fih il-computer fil-mument li l-konvenut allegatament zamm il-computer u ma tikkunsidrax il-fatt li l-valur tal-computer jonqos wara ftit zmien u llum il-gurnata l-istess computer ikollu valur ferm inqas minn elf u disgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,069.50c). Is-socjeta’ attrici ma kellhiex dritt li titlob hlas ta’ elf u disgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,069.50c).

Fid-dawl tal-fuq espost u billi m’hemmx bizzejjed provi li l-konvenut ha l-computer tas-socjeta’ attrici, t-Tribunal

jichad it-talba tas-socjeta' attrici.  L-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------